Għalkemm l-awtur fil-għażla ta' indovinelli jew ħwejjeġ moħġaġa wera kriterju fin biex jagħmel differenza bejn il-qadim u l-ġdid, bejn il-ġenwin u l-artifiċjali, għandi naħseb li għal dawk li huma ta' għamla iżjed qadima minn oħra, ma nistgħux ngħidu bir-reqqa kollha li ta' l-ewwel huma l-kollha tagħna għalkollox; l-iktar dawk li nsibuhom jaqblu ma' dawk ta' Sqallija jew l-Italja jew ta' dawk ta' xi kontinent ewropew ieħor b'xi indovinell xi mindaqqiet bil-ħrafa b'kollox, u, għalhekk, ħaġa tajba li fuqhom isir studju komparativ ukoll.

L-awtur fost il-ħwejjeġ moħġaġa li jintlagħbu, jew aħjar li kienu sa ċertu żmien jintlagħbu, isemmi ċerta logħba li għandha minn dik tal-faraboj ta' żmien tfulitu, u din hi l-logħba tar-**rimew** (p. 30) imsemmija minn Bonelli fis-"Saggi del Folklore Maltese" tiegħu. Din il-logħba, li donnha ntilfet għal kollox, insib li taqbel ma' dik li fi Sqallija għandha l-isem ta' "A Rumè" (Avola, Chiaramonte, Ragusa, Marsala, u Palermu). Fl-istess Sqallija ma tintlagħabx kollha xorta waħda, iżda tagħna fil-biċċa l-kbira taqbel ma' dawk ta' xi postijiet ta' Sqallija.

L-awtur jagħlaq dan l-istudju interessanti b'xi indovinelli li ġabar ma' tul dawn l-aħħar 14-il sena; ifissirhom u jqabbilhom ma' oħrajn ta' ilsna oħra.

a. c.

Dan l-istudju jista' jinkiseb mill-Istamperija tal-Gvern bil-prezz ta' 6d.

---

## GĦAL DARB'OĦRA

Imħabba n-nuqqas ta' wisa' ħallejna barra għal darb'oħra xi reċensjonijiet, fosthom *Sommarju ta' Studju* tal-Prof. P.P. Saydon, *Reċensjoni* ta' Studju ieħor tal-Prof. G. Aquilina u xi kontribuzzjonijiet oħra.

Dawn iż-żewġ Studji lingwistiċi bl-Ingliż kienu dehru fl-"ORBIS", rivista ta' Dokumentazzjoni Lingwistika li toħroġ l-Università ta' Louvain, il-Belġju.